MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 699/2002

**Falzon Bathrooms & Ceramics Limited**

**vs**

**Joncavi Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija, tlieta u sebghin Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm1,573.68,0) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata fuq ordni taghhom stess u dan skond fattura J001 hawn annessa u mmarkata 'Dokument A';**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Settembru, tas-sena 2002, u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-**

**socjeta’ konvenuta li ngunta minn issa ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma deheritx, la fis-16 ta’ Jannar tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------